MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta ta' l-4 ta' April, 2014

Talba Numru. 680/2013

**Nibe Marketing Limited (C46812)**

**vs.**

**Wayne Chetcuti u Armand Chetcuti**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-14 ta' Ottubru 2013, li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas tas-somma ta' elfejn, seba' mija u tlieta u għoxrin ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€2,723.99c)

> – rappreżentanti ammont bilanċjali dovut mill-konvenuti insolidum bejniethom għall-merkanzija li tikkonsisti f'ilma għax-xorb mibjugħa u kkonsenjata mis-soċjetà attriċi lill-konvenuti ġewwa Mozzarella Restaurant San Ġiljan u Mozzarella Restaurant tas-Sliema.
>
> Bl-ispejjeż tal-preżenti, tal-ittra uffiċjali numru 3738/11 maħruġa skont Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u bl-imgħax legali mid-19

ta' Mejju 2010, data tal-aħħar konsenja, sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti nġunti in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Wayne Chetcuti ippreżentata fit-13 ta' Novembru 2013, fejn eċċepixxa:

1. Illi, preliminarjament il-konvenut Armand Chetcuti għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante li hu la kellu x'jaqsam ma' Mozzarellas u lanqas ordna l-merċa allegata.

2. Illi l-ammont mitlub qed jiġi kkontestat.

3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Sema x-xhieda ta' Amy England in rappreżentanza tas-soċjeta attriċi u ra wkoll id-dokumenti esebiti mill-istess soċjeta attriċi.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuti ġew debitament notifikati kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, ma dehrux għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti in solidum iħallsu lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' elfejn seba' mija u tlieta u għoxrin ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€2,723.99c), bl-imgħax legali dekorribbli mid-19 ta' Mejju 2010, data tal-aħħar konsenja, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi numerata 3738/11, huma a kariku tal-konvenuti in solidum.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------